MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Numru. 1059/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Emmanuel Abela**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 25 ta` Ottubru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Emmanuel Abela, bin Leonard u Carmela nee` Bonello, imwieled fid-29 ta` Marzu, 2013, residenti Ave Maria, Triq Melqart, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita` numru 209962M;

L-imputat akkuzat illi:

F`dawn il-Gzejjer gewwa Triq il-Brankuttli, San Pawl il-Bahar, Malta nhar it-22 ta` Settembru, 2013 bejn is-6.00 ta` filghaxija u s-7.00 ta` filghaxija volontarjament ghamel hsara, hassar jew gharraq jew kkawza hsara fuq vettura FAD 743, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 u inqas minn €1164.69 ghad-detriment ta` Maris (Maria Stella) Vella ID: 227869 M u/jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Marzu 2014 waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) u 370(4) tal-Kodici Kriminali, huwa wiegeb li kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 7;

Rat ukoll li waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, huwa wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u wara li taghtu ftit taz-zmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat tieghu u jiddeciedi jekk hux ser jerga lura minnha, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba;

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjarah hati f'dan il-kaz.

Limitatament ghall-fini biex tkun tista tikkalibra l-piena, il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Maris Vella mnejn irrizulta li d-danni sofferti minnha fil-windscreen gew fil-maggor parti taghhom imhalsin diga u ghad fadal bilanc ta' tmenin euro (E80).

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

**Ikkunsidrat : -**

Il-Qorti semghet li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta htijietu fl-aktar stadju bikri tal-proceduri penali mossi kontrih kif ukoll li hallas fil-maggor parti taghhom id-danni kagunati minnu fil-windscreen ta' Maris Vella u li ghad fadallu biss bilanc ta' tmenin euro (E80) xi jhallasha. Id-Difiza tenniet ukoll li l-imputat kien soghob bih b'li ghamel u li r-relazzjoni mal-parte civile tjiebet sew.

**Decide : -**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, fuq l-ammissjoni tieghu stess, qeghda ssib lill-Emmanuel Abela, recidiv f'delitti, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; izda peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li sehhew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-Emmanuel Abela bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-hati jkun jista jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti inoltre, rat l-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ordnat lill-hati Emmanuel Abela sabiex ihallas Maris Vella s-somma ta’ tmenin euro (E80) rapprezentanti l-bilanc tad-danni kagunati minnu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------